MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-25 ta' April, 2007

Avviz Numru. 550/1995/1

**Emanuel Mifsud**

**Vs**

**Claudio Fava**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur l-ammont ta' Lm175 ta' xoghol ta' tibjid u kisi u xogholijiet ohra.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjes. Bl-imghaxijiet.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 7 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

Preliminarjament illi huwa m'ghandu ebda rapport guridiku u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Fil-meritu u bla pregudizzju ghall-premess illi l-ammont pretiz mhux dovut stante li x-xoghol ta' tibjid u kisi u xoghlijiet ohra, msemmija fl-avviz, ma sarux skond is-sena u l-arti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti, kif diversament presjeduta, moghti fit-3 ta' Dicembru 1996 (fol 24 ibid) u li bih kien gie nominat l-<u>Arkitett u Inginier Civili Richard Aquilina</u>.

Rat ir-relazzjoni tal-istess perit tekniku (fol 119 et seq ibid) bil-verbali u atti relattivi (fol 73 et seq ibid).

Rat dak verbalizzat a fol 130 ibid kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut (fol 131 u fol 132 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward l-eccezzjoni preliminari kif sottomessa mill-konvenut, dwar in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejnu u l-attur ghandu jigi rilevat illi:-

a) <u>Il-konvenut</u> (fol 12 u fol 13 tal-atti) l-ewwel sostna li x-xoghol in kwistjoni kien sar lill-kumpanija "Fairways Company Limited" li taghha hu u missieru Emanuel huma diretturi u azzjonisti. Hu kompla biex qal "Jiena personali qatt ma kellimtu lis-Sur Mifsud" izda wara qal li ".. kont hallastu xi flus … 'cash'". Hu asserixxa li ma kellux x'jaqsam ma' dan il-kaz stante li ftehim dwar rati ta' xoghol kien sar ma' missieru. Sussegwentement hu kien gie <u>riprodott</u> sabiex jixhed (fol 19 u fol 20 ibid) u hawnhekk hu qal li "… gieli mort narah ix-xoghol".

b) Missier il-konvenut <u>Emanuel Fava</u> (fol 15 u fol 16 ibid) semma li kien xtaq illi l-attur jaghmel ix-xoghol in kwistjoni ghall-kumpanija msemmija. Ghalhekk hu kien inkarigah li jaghmel dan ix-xoghol li kien jikkonsisti f'tindif.

Difatti, skond dan ix-xhud hu kien hallas lill-attur "… ghaliex hu kien ghamel ix-xoghol b'mod sewwa", liema hlas, pero', kien sar minn ibnu, l-konvenut, fi flus kontanti. Sussegwentement, l-attur kien tah kont iehor ".. tax-xoghol l-iehor". Anke hawnhekk, l-attur kien tah lit-tifel, il-konvenut izda, f'dan il-kaz, l-istess attur ma kienx thallas ghax ".. ma kontx sodisfatt bix-xoghol". Fl-ahhar nett , hu semma' li fil-post in kwistjoni kien jirrisjedi l-istess ibnu.

c) L-attur issottometta zewg 'affidavits' (fol 49 u fol 60 ibid) u fl-ewwel wiehed, hu qal li kien inkarigat biex jaghmel xoghol ta' tibjid fil-post li kien ha l-konvenut. Dwar l-istess xoghol l-ewwel kien tkellem mal-missier u "… imbaghad tkellimt mieghu" (mal-konvenut) izda meta lesta ix-xoghol u tkellem ma' dan dwar il-hlas, dan kien iwiegbu li ".. kien lest ihallasni biss bil-Qorti". Fil-tieni "affidavit" hu xehed, b'aktar dettall, dwar dan il-kaz u spjega illi, wara li kien lesta xoghol ta' trinek fl-istess post ("… gol-post ta' ibnu Claudio Fava") u kien thallas ta' dan, Emanuel Fava kien avvicinah dwar jekk kienx interessat jaghmel ukoll xoghol ta' tibjid fl-istess post. Meta mar f'dan il-post, kien hemm ukoll il-konvenut. Hawnhekk l-attur jghid li <u>il-konvenut kien accetta</u> l-proposta tieghu li jaghmel biss, xoghol ta' tibjid internament. Inoltre dwar ir-<u>rati</u> tax-xoghol, kien <u>ftehem ma' Claudio Fava</u> illi x-xoghol kellu jkun bir-rata ta' Lm1.25,0 fis-siegha waqt li in rigward <u>materjal</u> "… kellu jiehu hsieb kollox Claudio Fava". Dwar il-hlas, kien ircieva akkont ta' Lm130 fi flus kontanti minghand Claudio Fava. Ix-xhud semma' ukoll li Claudio Fava kien jigi fuq il-post sabiex jara l-andament tax-xoghol u dan ta' spiss, kif kien jaghmel ukoll missier il-konvenut.

<u>Ikkunsidrat.</u>

Illi mill-provi kif esposti jidher illi hu <u>car u evidenti</u> illi l-attur ma kienx gie inkarigat li jaghmel ix-xoghol ta' tibjid fil-post in kwistjoni mill-kumpanija msemmija.

Illi dwar min kien inkariga lill-attur jaghmel l-istess xoghol, jidher, fuq basi ta' <u>probabilta</u> illi l-istess xoghol kien sar <u>fl-interess tal-konvenut</u>. Difatti dan kien mar jabita f'dan il-post u din il-Qorti hi disposta li temmen lill-attur li l-ftehim dwar rati kien sar mal-konvenut odjern, li kien accetta l-

proposta tal-attur illi dan jbajjad il-post in kwistjoni internament. Inoltre jidher ukoll illi l-materjal kien qed jigi provdut mill-konvenut, li gieli u ta' spiss, kien jmur fuq il-post sabiex jesamina l-andament tax-xoghol. Hawnhekk hu difficli li jitwemmen il-konvenut meta dan qal li qatt ma kien tkellem mal-attur meta l-istess konvenut sussegwentement qal li gieli kien jmur fuq il-post sabiex jara x-xoghol li kien jesegwixxi il-konvenut. Fl-ahharnett jrid isir accenn ghall-fatt illi l-attur kien thallas akkont, is-somma imsemmija mill-konvenut, stess.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl ta' dan, il-Qorti tara li l-eccezzjoni preliminari sottomessa mill-konvenut ghandha tigi respinta.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-eccezzjoni l-ohra, ma tressqet ebda prova in sostenn taghha. Difatti, kif jidher mir-rapport tal-Perit Tekniku, il-konkluzzjoni sottomessa mill-istess espert kienet tirreferi, biss, ghall-eccezzjoni preliminari. Jigi rilevat illi kif jidher a fol 125 tal-atti u mill-verbal tas-seduti li nzammu quddiem l-istess espert "ghas-seba' seduti li huwa zamm fil-Qorti, l-attur deher f'sitt darbiet u l-konvenut ma deher qatt".

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm175 bl-imghaxijiet legali mill-5 ta' Gunju 1995 u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------